Restrizzjonijiet fuq is-suċċessjonijiet – regoli speċjali

Svezja

1 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta' propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f'dan l-Istat Membru?

Fl-Iżvezja għad fadal xi ftit fedekommessi (*fideikommiss*). Fedekommess huwa arranġament testamentarju li permezz tiegħu ċerta proprjetà, li ma jistax isir disponiment minnha, għandha tiġi mgħoddija lill-membri ta' familja waħda jew aktar f'ordni partikolari. F'konformità mal-Att dwar il-likwidazzjoni ta' fedekommessi (*lagen (1963:583) om avveckling av fideikommiss*), il-fedekommessi għandhom jiġu likwidati taħt arranġamenti speċjali.

2 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?

Mhux applikabbli.

3 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?

Mhux applikabbli.

L-aħħar aġġornament: 28/08/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.